A.L. 13 ta' l-1984

ATT TA' L-1955 DWAR IS-SERVIZZ TA' L-IMPIEGI (ATT NRU. XIV TA' L-1955)

Ordni ta' l-1984 li jemenda l-Ordni dwar il-Kotba tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 17 u 19 ta' l-Att ta' l-1955 dwar is-Servizz ta' l-Impiegi, il-Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1984 li Jemenda l-Ordni dwar il-Kotba tax-Xogħol, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1974 dwar il-Kotba tax-Xogħol, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". Titolu. A.L. 110 ta' l-1974

2. L-artiklu 7 ta' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artiklu 7 ta' l-ordni prinċipali.

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala paragrafu (a) tiegħu; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu kif numerat mill-ġdid għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Kull persuna li tibda tagħmel xogħol bi qliegħ *whole-time* jew *part-time*, barra minn b'kuntratt ta' mpieg ma' prinċipal, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa persuna li timpjega lilha nnifisha, għandha tgħarraf lid-Direttur b'dak ix-xogħol b'dak il-mod u skond dawk il-formalitajiet kif id-Direttur jista' jiddeċiedi.".

3. L-artiklu 10 ta' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artiklu 10 ta' l-ordni prinċipali.

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala paragrafu (a) tiegħu, u

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu kif numerat mill-ġdid għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan l-artiklu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal persuna li timpjega lilha nnifisha, meta dik il-persuna tieqaf mix-xogħol bi qliegħ kif imsemmi fil-paragrafu (b) ta' l-artiklu 7 ta' dan l-ordni.".